Programm ta' Żvilupp Rurali għall-Malta 2007 – 2013
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali

## Awtorità ta' Tmexxija (Żvilupp Rurali)
## Netwerk Rurali Nazzjonali Malti

# Laqgħa ta' Konsultazzjoni fuq il-futur tal-PAK: Politika tal-Iżvilupp Rurali

**11 ta' Mejju 2010** **Corinthia Palace Hotel, Ħal Balzan**

### Workshop A

Il-politika tal-iżvilupp rurali ta' l-Unjoni Ewropea fil-preżent tgħin fil-kompettitivita tal-agrikoltura, l-użu sostenibli tar-riżorsi naturali, il-ħarsien tal-abitat naturali u l-kampanja rurali, u l-iżvilupp bilanċjat taż-żoni rurali. Dawn l-għanijiet huma relatati mal-prioritatjiet tal-UE; it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, protezzjoni tal-ambjent u l-integrazzjoni soċjali u koeżjoni territorjali.

L-agrikoltura u ż-żoni rurali fl-Ewropa ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Għaldaqstant il-PAK trid tkun imsejsa sabiex tiffaċja dwn l-isfidi fil-futur. Dawn jinkludu l-kompetizzjoni agressiva li l-agrikoltura qed tiffaċċja minħabba l-liberalizazzjoni tas-swieq internazzjonali u ż-żieda fiċ-ċaqliq tal-prezzijiet (*price volatility*), pressjoni fuq ir-riżorsi naturali minħabba ż-żieda fid-domanda għall-ikel, l-għalf u l-enerġija, kif ukoll it-tibdil fil-klima, tibdil fl-użu u l-abbandun tal-art, u t-tibdil fid-demografija u żvilupp soċjo-ekonomiku ta' ċertu żoni rurali.

Fil-preżent, wara li joħorġu r-regolament u l-linji gwida tal-UE issir pjan strateġiku nazzjonali skont is-sitwazzjoni partikolari tal-pajjiż u fuq dan il-pjan jiġi mfassal il-programm nazzjonali. Il-programm nazzjonali huwa mqassam f'4 assi li jinkludu fihom set ta' miżuri differenti skont il-ħtieġa tal-pajjiż. Dawn il-miżuri huma meħuda minn lista komuni għall-pajjiżi membri kollha. Il-*Common Monitoring and Evaluation Framework* jissorvelja u jevalwa r-riżultati milħuqa u l-impatt li għandha din il-politika.

**Mistoqsijiet għall-waqt il-workshop (A)**

**X'għandhom ikunu l-għanijiet prinċipali tal-politika għall-Iżvilupp Rurali tal-futur?**

1. X'għandhom ikunu l-għanijiet tal-politika għall-iżvilupp rurali wara l-2013 fid-dawl tal-isfidi li għandhom l-agrikoltura u ż-żoni rurali għall-futur?
    a. X'inhuma l-isfidi li qed jiffaċjaw l-agrikoltura u ż-żoni rurali fil-preżent?
    b. Taħseb li dawn qed jiġu ndirizzati biżżejjed fil-preżent permezz tal-programm kurrenti?
    c. X'taħseb li jistaw ikunu l-isfidi ġodda li l-agrikoltura u ż-żoni rurali ser ikollom jiffaċjaw fil-futur wara l-2013?
    d. Semmu kif il-programm il-ġdid jista' jindirizza l-isfidi msemmija?

2. Kif jista' jkun hemm aktar bilanċ fit-tqassim tal-fondi tal-UE sabiex jiżdied l-valur miżjud tal-politika rurali u b'hekk jintlaħqu l-għanijiet primarji tal-politika komunitarja?
    a. Taħseb li l-fondi taħt il-FAEIR huma mqassma b'mod bilanċjat u fejn hemm bżonnhom? Jekk le, kif dan jista' jintlaħaq?
    b. Hemm biżżejjed flessibilità sabiex jiġu ndirizzati dawn l-isfidi?

3. Kif nistaw niżvilupaw u ntejbu l-metodi ta' valutazzjoni u l-indikaturi komuni ta' bażi sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-*policy* u tagħmel ir-riżultati aktar visibli mingħajr ma' nitfagħu piż żejjed fuq l-Istati Membri u l-benefiċjarji.